# ‘Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni[1]’

Ħsibijiet l-awtur stess – Francis Galea


L-awtur Francis Galea.

Meta ġejt mitlub nikteb l-istorja tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni m'aċċettajtx mill-ewwel. Ħsibtha mhux ftit biex nidħol għal biċċa xogħol li ma kinitx għażla tiegħi. Ħsibtha aktar meta sirt naf li din is-Soċjetà kellha storja ta' 125 sena. Imbagħad għamiltha ċara li jien ma xtaqtx nintrabat biss fuq il-banda – iżda ridt li nsawwarha madwar il-ġrajjiet nazzjonali u dawk li seħħu fl-istess raħal ta' Ħal Luqa.

Ir-riċerka u tiftix jisfidawk. Flok ma jhennu l-moħħ u l-ġewwieni ta' l-individwu, jqanqluh aktar sabiex jissokta jfittex. U kull sejba ġdida aktarx li tħallilek trufijiet ġodda. Għeruq li minnhom tinbet rimja li 'l quddiem tista' tkun siġra. Dawn huma s-serħan tal-qalb u l-moħħ tal-fittiex, iżda fl-istess waqt il-biżgħat u l-isfidi li jfiġġu.

Dan kien dak li ħassejt jien u naħdem fuq il-ktieb dwar is-Soċjetà L-Unjoni u l-ſanda tagħha fl-isfond tal-ġrajjiet tar-raħal ta' Ħal Luqa fl-aħħar 125 sena. Aktar ma dħalt fil-fond, aktar ma tkellimt ma' nies, aktar fhimt u sibt li x-xogħol flok jonqos u jwassalni lejn konklużjoni, aktar beda joktor. Għaliex mhux la kemm tikteb l-istorja. Mhux faċli li tislet l-avvenimenti, tiġbor id-dati u l-persunaġġi involuti u ssawwar il-ġrajja fil-qafas taż-żmien partikolari li seħħet fih. Ktieb ta' storja mhux djarju, iżda ġrajja sħiħa bl-attivitajiet tul il-milja tas-snin.

Minn hawn fhimt li kelli nifred gruppi ta' snin minn xulxin biex bihom tinbena epoka partikolari. Kienet għażla naturali li nikteb dwar iż-żmien ta' bejn l-1880 u l-1899 bħala ġabra għaliha nfisha. Imbagħad wasalt biex ngħaqqad l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin billi ħriġt l-attività tas-Soċjetà L-Unjoni fl-isfond tal-ftuħ tas-seklu u l-ġrajjiet ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija – dan kollu jwassal bejn l-1900 sa l-1919. Wara niġu għat-tielet ġabra li fiha għamilt analiżi u preżentazzjoni tal-fatti bejn l-1920 u l-1939. B'hekk wasalna fix-xifer tat-tħabbira tat-Tieni Gwerra Dinjija, żmien li ġab saram kbir f'pajjiżna tant li l-poplu Malti u Għawdxi ġie mċaħħad mill-għeżeż ħwejjeġ – il-knisja, il-festi, bid-devozzjoni lejn il-patrun jew patruna u l-briju li jġibu magħhom.

L-hemm jiġi u jmur u wara dan iż-żmien ikrah reġgħu bdew jissawru mill-ġdid il-

[1] *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni* hu ktieb miktub minn Francis Galea li jittratta l-istorja tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fil-kuntest ta' l-istorja ta' Malta u ta' Ħal Luqa. Dan se jkun għall-bejgħ mill-każin matul il-ġranet tal-festa.

baned fil-bliet u l-irħula tagħna. B'hekk ngħaddu għall-medda ta' bejn l-1940 u l-1959. Il-Ħalluqin reġgħu bdew jgħixu mill-ġdid, almenu dawk li ħelsuha mit-theżżiża ta' l-attakki mill-ajru ta' l-għedewwa. Ir-raħal reġa' beda jinbena mill-ġdid, u fost l-akbar ħidma nsibu l-bini tal-knisja li kienet kważi ġġarrfet għal kollox nhar id-9 ta' April 1942. Il-Banda L-Unjoni, irxuxtat u fl-iqsar żmien il-ġemgħa ta' bandisti kienet lesta biex nhar il-21 ta' Ġunju 1943 fiż-żjara tar-Re Ġorġ VI, ħarġet iddoqq biex terfa' l-qlub muġugħa u mnikkta mill-hemm li sabu fih fl-aħħar snin koroh.

L-aħħar parti, biex ngħidulha hekk, hi dik bejn l-1960 u l-1979. Żmien ta' taqlib kemm fis-Soċjetà L-Unjoni kif ukoll fis-soċjetà Maltija. Żmien li fih il-poplu stejqer sew u ħass li kellu jkollu sehem akbar fit-tmexxija. Snin li wasslu biex Malta saret Indipendenti, imbagħad Repubblika u wara Malta Ħielsa. Żmien li ġab progress u sfidi ġodda minħabba t-tibdil rivoluzzjonarju fl-imħuħ taż-żgħażagħ. Żgħażagħ li riedu bidla sħiħa u radikali f'dak kollu li kien stabbilit. U għalhekk kien hemm theddida oħra għas-Soċjetajiet, anke tal-baned, li raw liż-żgħażagħ ifittxu mkejjen oħra fejn jirrikreaw lilhom infushom.

B'mod awtomatiku wkoll kien il-perjodu mill-1980 sa llum. Din il-ġabra hija ħarsa fit-tul fuq l-aħħar 25 sena li fihom l-attività tkattret minkejja li kienet waħda aktar meqjusa u studjata. L-iskop ma baqax li ddoqq kemm tiflaħ fl-attivitajiet u l-istedin kollu li jaslu lis-Socjetà. Huwa żmien li fih is-Soċjetà bdiet tħares lejn il-kwalità u l-prestiġju ta' l-avveniment.

Din l-istorja fil-ktieb ***Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni***, inbena madwar l-attività tal-poplu Malti miż-żmien kolonjali sa l-Indipendenza u l-Ħelsien. Issawwar madwar il-qalbiena u ħabrieka membri fil-kumitat tas-Soċjetà tul is-snin. Magħhom, b'impenn xejn inqas kien hemm il-bandisti u s-surmastrijiet. Fuq kollox is-soċi u l-partitarji li bil-miżata li jħallsu, bix-xogħol u l-ħin volontarju li ddedikaw lis-Soċjetà L-Unjoni, żammewha ħajja u kompliet toktor.

***Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*** huwa ktieb maħsub għall-gosti ta' kulħadd. Huwa volum mimli tagħrif u ritratti storiċi li jġeddu memorji lil dawk ta' ċerta età. Volum li jiftaħ bibien ġodda liż-żgħażagħ għatxana biex ikunu jafu l-passat bit-tama li jibnu fuqu futur aħjar. It-tama tagħna wkoll hi li dan il-ktieb ikun għajn ta' ispirazzjoni għal dawn iż-żgħażagħ biex jitwebblu jfittxu aktar ħa jsaħħu din il-ġrajja.

Jekk trid tkun taf aktar fid-dettall il-ġrajja, glorjuża ta' l-ewwel Soċjetà Mużikali f'Ħal Luqa ixtri l-ktieb ta' l-awtur Francis Galea ***Ħal Luqa u l-Banda Tagħha l-Unjoni***. Pubblikazzjoni limitata ta' 400 paġna mżejna b'bosta ritratti sbieħ, artikli u dokumenti storiċi se tkun għall-bejgħ minn nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju.

